MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Numru. 126/2004

**Kumpilazzjoni Numru: 126/04**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**versus**

**Wayne Zahra**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Wayne Zahra ta’ 22 sena iben Charlie u Rita nee Barbara imwieled l-Awstralja fil-21 t’Ottubru 1981 u joqgħod fil-fond numru 144 Flat 7 Triq il-Pellegrinaġġ, Bormla u li għandu l-karta ta’ l-identita’ numru 181594 (M) u li tressaq b’arrest fit-18 ta’ Frar 2004

Akkużat talli

Fil-Belt Valletta, fil-Birgu, f'Wied il-Għajn u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer f'dawn l-aħħar xahrejn f'diversi ħinijiet matul il-ġurnata

a.Bi vjolenza kkommetta stupru fuq X mix-Xemxija liema reat sar fuq persuna taħt l-eta' ta' tnax-il sena;

b. Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lill-istess X mix-Xemxija liema persuna għadha taħt l-eta' ta' tnax-il sena kontra l-volonta' tagħha liema delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;

ċ. B'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bi vjolenza u b'għemil żieni, ikkorrompa lill-imsemmija X, liema delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta' ta' tnax-il sena kif ukoll lil Y u Z minn Tas-Sliema kif ukoll lil V minn Ħaż-Żabbar li lkoll huma persuni ta' taħt l-eta' u liema delitt sar b'theddid u bi vjolenza;

d. Ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq l-istess X;

e. Offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku;

f. Hedded lill-imsemmija X.

2. Il-Qorti ntalbet sabiex jekk jidhrilha xieraq tipprovdi għas-sigurta' ta' l-imsemija X, Z, Y, V u l-familji tagħhom jew sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, turbot lill-istess Wayne Zahra b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus ffissata mill-Qorti.

3.Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat, il-fedina penali tiegħu, l-istqarrija magħmula minnu fis-17 ta' Frar 2004 fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-

Żabbar (fol.27), ir-rapport minn U a fol.121 iċ-ċertifikati tat-twelid ta’ Y (fol 171), V (fol 172), Z (fol 173), X (fol 174), ippreżentati bil-ġurament mill-Ispettur Anthony Cassar (fol.169), l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali permezz tan-Nota tiegħu tal-11 ta’ Frar 2005 (fol 185), il-kunsens ta’ l-imputat biex dawn il-proċeduri jinstemgħu quddiem din il-Qorti (fol.185) u s-sentenzi esibiti mill-avukat difensur u li huma ‘Il-Pulizija versus Adrian Dalton’, ‘Il-Pulizija versus George Portelli’, ‘Il-Pulizija versus Lorenzo Baldacchino’, ‘Il-Pulizija versus Ġanni Schembri’, u ‘Il-Pulizija versus Corrado Laferla’.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli Prosekutur u ta’ l-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**Il-Fatti kif esposti mill-Prosekuzzjoni**

6. Fil-15 ta’ Frar 2004 il-Pulizija ta’ Ħaż-Żabbar kienet infurmata minn ċerta U li bintha Y kellha x’taqsam ma’ ċertu ġuvni Wayne Zahra, xufier tal-karozzi. It-tifla qalet li hi kienet tattendi l-iskola ta’ Pembroke fejn kellha lil ċerta Z bħala ħabiba tagħha. Wayne Zahra kien stedinhom imorru fuq ix-xarabank miegħu mill-Belt sa Tas-Sliema. Dan baqgħu jagħmluh regolarment. Z kellha bħala ħabib lil V li kien jgħix fi flat ma’ l-imputat. Ykienet saret tiffansja lill-imputat.

7.Wayne kien ipparkja l-karozza FBY 622 f’San Ġakbu l-Belt. Wayne kien jaf li Ykellha biss 13-il sena. F’ħin minnhom Wayne ħareġ in-natura tiegħu barra u stieden lil Ytħares lejh. Għall-ewwel irrifjutat iżda mbagħad kellha x’taqsam miegħu. L-esperjenza rrepetiet ruħha ġimgħa wara. Din id-darba pparkja fil-viċinanzi tal-garaxx tal-pulizija fil-Furjana. Sussegwentement l-istorja kompliet tirrepeti ruħha f’diversi bnadi ta’ Malta kif ukoll fil-flett ta’ l-imputat f’Marsascala.

8. Matul Jannar marret ukoll X, tfajla ta’ 11-il sena li wkoll kellha x’taqsam ma’ l-imputat. Ygħall-ewwel kellha x’taqsam ma’ l-imputat kontra x-xewqa tagħha iżda imbagħad kien hemm il-volonta’ tagħha.

9. Z ikkoroborat il-verżjoni ta’ Yu ammettiet li hi wkoll kellha x’taqsam ma’ l-imputat. Dan ġara diversi drabi fix-xarabank imsemmi. Darba waħda f’Jannar tas-sena 2004 l-imputat iddeċieda li jkollu x’jaqsam mal-minuri Xkontra l-volonta’ ta’ din X. Sieħeb l-imputat ammona lill-imputat li kien ser ikollu x’jaqsam ma’ tfajla ta’ 11-il sena u li kien ser itellfilha l-verġinita’ tagħha. L-imputat ma tax kas ta’ dan il-kliem. Z setgħet tara kollox u ndunat li Xkienet imwerwra. L-imputat ordna lil Xtneħħi ħwejjiġha u minkejja li kienet imbeżżgħa obdietu xorta waħda. Wayne qabad saqajn X u għolliehomla ‘l fuq u kellu x’jaqsam magħha. Wara X kellha d-demm ma’ saqajha u l-imputat qalilha li kien qata’ xewqtu fl-aħħar għax kien żverġnaha.

10. Z qalet ukoll li l-imputat kellu x’jaqsam magħha fil-Birgu meta ordnalha tneħħi l-ħwejjeġ minn fuqha. Dawn l-esperjenzi kienu ripetuti bl-aħħar waħda tkun fis-7 ta’ Frar 2004 fil-flett gewwa Marsascala. L-imputat kien jgħid lil Z sabiex ma tgħid lil ħadd dwar dak li kien qed jiġri. Fl-istess jum ried li jollu x’jaqsam ma’ Xiżda din irrifjutat. L-imputat tefa’ lil Xfuq is-sodda u beda jgħidlha’ Z ma ġietx? Issa ejja int.’ Xbaqgħet tirrifjuta u talbet lil Z jfittxu joħorġu ‘l barra.

11. X ikkoroborat il-verżjonijiet ta’ sħabha u qalet li qabel ma kellhiex esperjenzi simili. F’jum ta’ Jannar 2004 Wayne kien qam mill-gabina tiegħu, resaq lejha u beda’ jikkarezzalha sidirha, kuxtejha u l-partijeit private tagħha. Neħħietlu jdejh iżda hu baqa’ jinsisti. Hi qalet li lilha ħadd ma kien għamlilha hekk. Hija qalet li Wayne kien jaf li kellha ħdax-il sena. Hi ma setgħetx titlaq mx-xarabank għaliex l-imputat kien qed iżommha b’daharha mas-sit biex ma tqumx. Meta rnexxielha tqum huwa uża l-forza biex niżżilha ‘l isfel fuq is-sit. L-għafsa ta’ jdejh kienet soda ħafna. Hi qatlu li kienet għadha żgħira u li ma kenitx taf x’jista’ jiġri minnha. Huwa mbagħad ordnalha biex tneħħi l-qalziet. Imbagħad neħħielha l-qalziet ta’ fuq u ta’

taħt bl-herra u x-xhud tat l-istess deskrizzjoni ta' x'sar mogħtija aktar 'il fuq. Wara qalilha 'Kemm sirt inħobbok lilek għax żanżantek jien l-ewwel darba. Hi kienet imdejqa li Wayne ħadilha l-verġinita' taħgha kontra r-reida taħgha. Imbag]ad qaliha 'Ara ma nkunx naf li għidt lil xi ħadd għax ħażin ikun għalik.'

12. Imbagħad, V, il-ħabib ta' l-imputat, ikkonferma l-verżjonijiet mogħtija fil-paragrafi ta' qabel. Ikkonferma wkoll li X kienet tregħdet bil-biża'. Huwa qal ukoll li kien wissa lil Wayne biex ma jiżverġnax lil X iżda Wayne baqa' għaddej.

**L-Istqarrija ta' l-Imputat**

13. Fl-istqarrija tiegħu tas-17 ta' Frar 2004 l-imputat qal li fil-Milied u f'Jannar kien jaħdem bix-xarabank FBY-622. Żied jgħid li Z u Ykienu jmorru miegħu kuljum. Il-ħabib tiegħu Vkellu 15-il sena waqt li Z u Ykellhom erbatax. Dwar X hu qal li daħħal f'moħħu li din kellha 14. Lit-tliet tfajliet kien dam idawwarhom xi xahar u nofs. L-imputat semma l-każ meta f'San Ġakbu hu kellu x'jaqsam ma' Margot. F'dan iż-żmien x-xarabank ma kellux bieba fejn jitilgħu l-passiġġieri. L-imputat imbagħad esklama: ' Għamilt żball, daqskemm għerqu vapuri u waqgħu ajruplani? Iġennuk, iġennuk, iħawdulek moħħok.' L-imputat ammetta li kellu x'jaqsam ma' Y f'Wied il-Għajn u fuq ix-xarabank fil-Belt, il-Birgu u l-Furjana diversi drabi. Ma' Xkellu x'jaqsam il-Belt. Skond l-imputat 'L-ewwel iġennuk; imbagħad iġibuk fl-inkwiet. Ma nerġax niżbalja.' Huwa qal li ma kienx jaf li X kellha ħdax-il sena għax ġabet ruħha sew. L-imputat ma kienx ċert jekk V kienx qallu bl-eta' ta' X. Xi ħmistax qabel kienet qaltlu li għadha verġni. L-imputat wieġeb ukoll li wara li kellu x'jaqsam ma' Xkellu d-demm fuq il-jins tiegħu. Huwa nnega li kien neżża' lil Xjew li hu żammha fuq is-sit. Insista wkoll li lil Xma kienx sfurzaha u ma rrejpjahiex. Huwa nnega li X qaltlu 'Le' diversi drabi, li V kien waqqfu. (fol.31) u li hedded lil X biex ma titkellimx. (fol.31).

**Xhieda Prosekuzzjoni**

14**. Y** xehdet li f'jum ta' Jannar fis-sena 2004 l-imputat kien ħareġ mill-gabina tiegħu u beda jgħidlha biex tħares lejn in-natura tiegħu. Għall-ewwel ma riditx iżda nsista u wara kellu x'jaqsam magħha. Dak il-ħin fix-xarabank kien hemm Z kif ukoll V. Dan ta' l-aħaħr kellu x'jaqsma ma' Z. Ix-xhud qalet li hi 'riedet u ma riditx (li jkollha xtaqsam ma' l-imputat). Ma riditx għax kienet qed tibża' għax jekk tgħidlu 'le' hi kienet semgħet li l-imputat kien kiesaħ ħafna u lest li jagħmel kollox jekk ma tikkuntentahx. Iżda riedet ukoll għax kienet tiffansjah (fol.44).Hija qalet li kienet marret ma' Wayne għax riedet hi. (fol.45) Hi kellha tlettax-il sena u lill-imputat kienet qaltlu kemm kellha żmien.(fol.45)(Dak iż-żmien kellha tlettax-il sena). Kien staqsieha kemm kellha żmien u qaltlu. L-esperjenzi kienu ripetuti waqt li V u Z kienu preżenti fix-xarabank. Meta kellha x'taqsam ma' l-imputat ħdejn il-garaxx tal-Pulizija, ma kenitx sfurzata mill-imputat. Ix-xarabank ma kellhiex bieb minn fejn jitilgħu l-passiġġieri. Karozzi kienu jgħaddu iżda nies le. Ix-xhud qalet li kellha x'traqsam ma' l-imputat darbtejn oħra ġo l-flett tiegħu f'Wied il-Għajn għalkemm marret hemm drabi oħra. Vu Z kienu preżenti wkoll. Kien hemm X u wieħed jgħidulu l-Cobra. Dawn kienu jkunu preżenti fil-flett. L-imputat kellu x'jaqsam ma' Xdarba waħda u saret taf dwar dan minn Z. L-aħħar darba li x-xhud kellha x'taqsam ma' l-imputat kien matul ix-xahar ta' Jannar (fol. 54).

15. **Z** (fol.57 -78)xehdet li kienet saret taf lill-imputat minn fuq ix-xarabank. (fol.61). Kien ikun hemm Bradley, Margot, l-imputat u X. Ikkonfermat li Wayne kien imur ħdejn Y u jkollhom x'jaqsmu waqt il-brejks fil-vjaġġi. L-imputat kellu x'jaqsam ma' Xukoll (fol.65).Hi kienet rat lil Wayne ikollu x'jaqsam ma' Xu ma' Margot. Xdehret imbeżżgħa. Skond din ix-xhud: 'Niżżilha fuq is-sit, tellgħalha saqajha u qalilha 'Inża l-qalziet'. Bdiet tidher ftit imbeżżgħa u obdietu.' Semgħet ukoll lil V jammonixxi lill-imputat dwar l-eta' ta' X.' (fol.69).Hija rat id-demm ma' saqajn X. Filfatt Xkellha ħafna demm. Ikkonfermat li kien qal il-kliem 'Qtajt ix-xewqa tiegħi għax żverġnajtek.' **Dan kollu sar fix-xarabank** 622. L-imputat kellu x'jaqsam max-xhud aktarx il-jum ta' wara **ġewwa l-Birgu** (fol.72 u 74) kif ukoll f'Wied il-Għajn. (fol 74).Magħha kellu

x'jaqsam darbtejn waqt li ma' Ydarba jew darbtejn. L-aħħar darba li kellha x'taqsam ma' l-imputat kien fis-7 ta' Frar 2004.. Fit-tielet darba li kienu fil-flett kien hemm preżenti X ukoll.

16**. V** xehed li fix-xarabank kienu jkunu preżenti hu, Z, X u Y meta l-imputat kellu x'jaqsam ma' Xhuwa ra d-demm ma' saqajn X. Dan ġara waqt li x-xarabank kien fil-foss tal-Belt. X kienet liebsa qalziet jeans bl-istilel. Lill-imputat kien qallu biex ma jkollux x'jaqsam ma' X. Minkejja dak li kien qallu Wayne kompla xorta waħda. Ix-xhud ikkonferma li l-imputat kellu x'jaqsam ma' Y fil-flett. Ix-xhud ammetta li kellu x'jaqsam ma' Z. (fol.89)

17**. X** xehdet li fix-xarabank kien ikun hemm hi, Z, V, Y u l-imputat. Meta x-xarabank kien fil-foss ta' San Ġakbu l-imputat kien mar imissilha sidirha u l-parti tagħha. Imbagħad poġġa rkubbtejh fuq is-sit, idejh fuq il-ħadid ta' quddiem, u imbaħgad qalilha biex tinża' l-qalziet. Imbagħad qabad u neżżagħhulha u baqa' għaddej. V induna. Hi kienet b'rasha lejn it-tieqa mal-ħajt tat-tieqa. **Hi ippruvat tqum iżda Wayne beda jżommha minn qaddha u minn spallejha u x'ħin ippruvat tqum reġa' niżżilha bil-qegħda.** V kien qallu biex iħalliha iżda hu xorta kellu x'jaqsam magħha. (fol. 105, 106). Hi kellha d-demm u kienet qed titriegħed. L-imputat qalilha 'Kemm sirt inħobbok għax żanżantek jien.' L-imputat kien jaf kemm kellha żmien. Lill-boyfriends oħra kienet bisithom u żammewlha jdejha. Hi ċaħdet li riedet tkompli l-att sesswali ma' l-imputat. Dak in-nhar hi kienet verament imdejqa. (113). Hi bdiet tibża' li l-imputat ser jagħmillha xi ħaġa. (113). Hi bdiet tibża' li ser itiha xi xebgħa. (fol.114).

18**. U**, omm Y, xehdet li hi kienet għajret lill-imputat u qaltlu li t-tifla aktarx li kienet tqila minnu. (fol.116) Hija għamlet ir-rapport fl-Għassa tal-Pulizija (a fol.121)

19. **W** ikkonferma li kellu rapport minn għand U rigward it-tifla tagħha dwar relazzjonijiet sesswali ma' l-imputat. Din bdiet tiniggiżha l-kuxjenza tagħha biex tagħmel rapport lill-Pulizija.

20**. Z** reġgħet xehdet u qalet li xtaqet tgħid li dak li għamlet hi ma' Wayne ma kienx it-tort ta' l-imputat biss iżda kien it-tort tagħha wkoll. (fol 127). Hija qalet li Ykient esprimiet l-istess opinjoni (fol.128). Wayne ma kienx sforza lil Y u għamlet kollox bil-volonta' tagħha. (fol.129).

21**. Xehdet is-sinjura U**, omm X, li qalet li bintha kienet infurmataha li l-imputat kien missilha fil-parti tagħha(fol.189) u li kien sar l-att sesswali bejn bintha u l-imputat.

**Xhieda Difiża**

22. Fl-14 t'Ottubru 2005 id-difiża għalqet il-provi tagħha bir-riżerva li ttella' 'l Mariella Blackman. Din xehdet fil-11 ta' Novembru, 2005 u qalet li bħala pazjent għandha lill-imputat. Skond ix-xhud, l-imputat huwa mmexxi minn ħadd ieħor u għalhekk għandu personality disorder għaliex mhux kapaċi jieħu l-inizjattivi hu. L-imputat kien jgħid li dawn it-tfajliet kienu jilbsu b'mod provokativ. L-imputat għadda minn ċerta trawmi meta kien żgħir b'ġenituri li huma divorzjati u minħabba li ommu tgħix l-Awstralja hu kien iħossu separat minnha. Għalkemm illum għandu erbgħa u għoxrin sena, psikoloġikament huwa għandu 17-il sena. Huwa jsofri minn attention deficit disorder u mhux kapaċi jikkonċentra għal tul ta' żmien.

**Ikkonsidrat**

23. Illi l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-fatti jista' jinstab ħtija skond l-artikoli 198, 86, 87, 203, 207, 209 u 249 tal-Kap 9.

24. Illi mill-fatti kif joħorġu mix-xhieda jidher:

(a) Li Y kellha 13-il sena;
(b) Z kellha 13-il sena
(ċ) X kellha 11-il sena
(d) V kellu 14-il sena

M'hemmx dubju li l-imputat kellu x'jaqsam ma' X, ma' Y u ma' Z f'post pubbliku (barra milli f'post privat). L-atti libidinużi saru fuq xarabank li kien fit-triq u li lanqas kellha bieba minn fejn jitilgħu l-passiġġieri. Huwa mmaterjali jekk l-atti sarux fid-dawl jew fid-dlam.

25. Skond l-Antolisei:

***‘e’ pubblico il luogo che normalmente e’ accessibile a tutti (vie, piazze, giardini pubblici ecc); e’ aperto al pubblico il luogo in cui chiunque puo’ entrare, sotto certe condizioni di orario, di pagamento; e’ esposto al pubblico, infine, il luogo che puo’ essere veduto da un numero indeterminate di persone.’***
(Antolisei F. parte Speciale I Manuale di Dirtitto Privato pagina 459)

26. Huwa ppruvat ukoll li t-tliet tfajliet kienu kollha taħt l-eta’ waqt li l-imputat kellu 22 sena, jiġifieri kien maġġorenni, u bejn 9 u 11-il sena akbar mit-tfajliet.

**L-Artikoli ta’ l-Avukat Ġenerali**

27. Il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina seriatim l-artikoli mibgħutin mill-Avukat Ġenerali.

**L-artikolu 198**

28. Dan l-artikolu jgħid:

‘Kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta’ priġunerija minn tliet snin sa disa’ snin, bir-rklużjoni jew mingħajrha.’

29. L-elementi ta’ dan ir-reat huma (a) il-vjolenza; (b) carnal knowledge

Skond in-Noti tal-Professur Mamo[1]

[1] Professur Mamo Part II p.194, 195

'The sexual assault distinguishes this crime from that of 'indecent assault'. But the connection need not be complete or consummated. The crime is deemed to be complete by the commencement of the connection without the necessity of proving further acts.

The violence must be exercised on the very person of the patient. The law does not specify what the violence must consist in. Nor could it. The whole point is to determine in each particular case whether the carnal knowledge took place against he will of the victim.'

30. Fil-fehma tal-Qorti, l-imputat huwa ħati ta' dan l-artikolu b'mod l-aktar ċar fil-każ ta' X li kellha inqas minn 11-il sena. Infatti f'dan il-każ il-liġi stess tipprovdi hekk:

'201. L-istupru u kull attentat ieħor għall-pudur jitqies dejjem bħala vjolent –

(a) meta jsir fuq persuna taħt l-eta' ta' tnax-il sena.'

31. Ġaladarba X kellha anqas minn tnax-il sena u la saret l-għaqda karnali (kif ampjament ippruvat), u din saret bil-vjolenza (għaliex manifestament kontra r-rieda ta' X li bdiet titreigħed) il-Prosekuzzjoni ippruvat li l-imputat ħuwa ħati ta' dan ir-reat.

(Il-Prosekuzzjoni ghamlet din l-akkuza fil-konfront ta' X biss u mhux fil-konfront tat-tliet persuni l-ohra.)

**L-artikolu 86**

32. Dan l-artikolu jgħid hekk:

'Kull min, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuan kontra l-volonta' tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:

33. Iżda, il-Qorti tista’, fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta’ priġunerija minn xahar sa tleit xhur jew il-multa.’

34. Skond il-Professur Mamo l-element materjali[2] huwa:

***‘arresting, detaining or confining any person against his will, without a lawful order from the competent authority…..The words ‘arrest’, ‘detention’ and ‘confienment’ are not synonymous: each indicates a special manner in which can ttempt can be made on personal liberty: ‘Il reato preveduto esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere so malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalment si trasporti da un luogo ad un altro.’***

35. Skond l-Antolisei[3]

***‘L’interesse tutelato dalla norma in esame e’ costituito dalla liberta’ di agire (fisica o esterna) ; l’elemento oggettivo consiste nella privazione della liberta’ prsonale, la quale va intesa in senso restrittivo, e cioe’ come liberta’ spaziale o libertta’ di muoversi nella spazio; Soggetto passivo puo’ essere anche chi si tovi gia’ in stato di parziale liberta’, qualora venga ulteriormente limitata la sfera di movimento a lui consentita. Il delitto si consuma nel tempo e nel luogo in cui si verifica la privazione della liberta’ personale nel senso sopra indicato. L’elemento soggettivo consiste nella coscienza e volonta’ di privare taluno della sua liberta’ personale.’***

36. Fil-fehma tal-Qorti, X ma tħallitx aktar fil-liberta’ mill-imputat meta prattikament żammha kontra r-rieda tagħha b’mod li ma setgħetx tiċċaqlaq minn fejn kienet. Tassew li X diġa’ kienet fuq ix-xarabank iżda l-imputat irrestrinġa l-moviment tagħha meta ma ħallihiex tiċċaqlaq. Il-vittma tant tilfet il-liberta’ tagħha li l-imputat qabad u għollhielha saqajha u neżżgħalha l-qalziet hu. Għalhekk hija ġiet

2 Professur Anthony Mamo Part Ii paġina 35
3 Antolisei F. ‘Manuale di Diritto Penale’ Parte Speciale I pagina 143 -144

kompletament taħt is-setgħa tiegħu b'mod li tilfet il-liberta' fiżika tagħha.

37. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ppruvat li l-imputat huwa ħati ta' ksur ta' dan l-artikolu.

**L-artikolu 87 (1)(g)**

38. Dan l-artikolu joħloq pieni aktar ħorox f'kaz ta' xi aggravju ta' dak li jkun seħħ kontra l-artikolu 86. Fil-fehma tal-Qorti jeżisti l-aggravju taħt l-artikolu 87(1)(g) li jghid :

***'jekk id-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġ li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna'.***

Lil Qorti dan l-aggravju jirriżultalha ppruvat u għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati taħt dan l-artikolu.

**L-artikolu 203**

39. Dan l-artikolu jikkontrolla l-korruzzjoni ta' tfal taħt l-eta'. L-artikolu jgħid hekk:

***'Kull min, b'għemil żieni, jikkorrompi persuna taħt l-eta', tas-sess il-wieeħd jew l-eħor, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija għal zmien mhux iżjed minn tliet, iżda il-piena għal dan id-delitt tkun ta' priġunerija minn tleit snin sa sitt snin jekk(a) id-delitt isir bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta' ta' tnax-il sena, inkelal bi vjolenza. Għad-delitt taħt dan l-artikolu tinħtieġ il-kwerela iżda fil-proviso ikkontemplat fl-artikolu 544 il-każ jista' jitmexxa ex-ufficio'***

Il-proviso jgħid hekk:

***'Iżda meta xi wieħed minn dawn id-delitti jsir bi vjolenza pubblika, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata.'***

40. F'dan il-każ il-kwerela saret minn omm Y iżda mill-provi jirriżulta li saru diversi atti libidinużi fil-pubbliku (kif definit aktar 'il fuq) u għalhekk il-Prosekuzzjoni setgħet timxi ex-ufficio.

41. Dwar jekk l-atti li saru kinux jammontaw għal atti libiduniżi, ir-risposta jagħtiha l-Manzini li jikteb hekk:

'Tra gli atti di libidine deve comprendersi anche la congiunzione carnale, che anzi e' il Massimo, il piu' completo e caratteristico atto di libidine.'

42. Dwar il mens rea l-istess Manzini jgħid:

'E'necessario il dolo sepċifico consistente nello scopo di eccitare e sforgare la propria libidine….ma non si richiede anche il fine di corrompere. Questo scopo, in pratica, non sussiste quai mai perche' l'agente, di regola, non is propone di viziare il minore, bensi soltanto di soddisfare al propria lussuria.'

43. Il-Qorti tirraviża ż-żewġ elementi neċessarji fil-każi imputati.

44. Fil-każ ta' X l-artikolu 203(1)(a) – japplika l-aggavju li jġorr miegħu piena ta' bejn tliet u sitt snin- għax mhux biss jissusistu ż-żewġ leementi rikjesit iżda għaliex l-eta' tagħha kienet ta' inqas minn tnax-il sena.

45. Dwar il-persuni l-oħrajn, id-difiża ppreżentat diversi sentenzi li elenku tagħhom sar elenku aktar 'il fuq. Il-qofol tad-dibattitu huwa dwar jekk ghandux ikun applikat il-principju 'corrupta non corrumpitur' meta l-persuna ta' taht l-eta' tkun diga' korrotta. Jimxu ma' din it-teżi tad-difiża il-kazi 'Spettur Sharon Zammit vs Adrian Dalton' (15.02.94) u 'Il-Pulizija versus George Portelli' (20.02.75) fejn il-minorenni kellhom 15-il sena fl-ewwel każ u 16-il sena fit-tieni każ.

46. Kontra din it-teżi d-difiża, b'lealta' kbira, semmiet, 'Il-Pulizija versus Corrado Laferla' (8.01.1955); 'Il-Pulizija

versus Ġanni Schembri' (11.10.1948) u l-Pulizija veruss Lorenzo Baldacchino' (30.03 1963). Fi ftit kliem, it-teżi ta' dawn is-sentenzi hija:

**'Il-persuna korrotta għandha d-dritt illi ma tiġix ulterjorment korrotta u ħadd ma għandu d-dritt li impunement jispinġiha aktar fit-triq tal-korruzzjoni jew jimpeddilha l-possibilita' tar-riġenerazzjoni.' (Il-Pulizija versus Lorenzo Baldacchino Qorti Kriminali 30 ta' Marzu 1963).**

47. Il-Liġi Taljana tipprovdi speċifikament dwar dan il-punt:

'530. La punibilita' e' esclusa se il minore e' persona gia' moralmente corrotta.' Hawn wieħed irid iżid li l-Liġi Taljana tirreferi għall-każi ta' persuni taħt is-s0ttax-il sena waqt li l-Liġi Maltija tittutela niesz sa tmintax-il sena.

48. Fis-sentenza 'Il-Pulizija kontra George Portelli', l-Imħallef Caruana Curran qies din id-dispożizzjoni Taljana bħala superfluwa. Oħrajn jistgħu jkunu ta' fehma differenti speċjalment dawk li jikkontendu li fil-kamp kriminali dak li jista' joħloq dibattitu aħjar li jkun riżolt b'mod ċar. Oltre dan, wiehed ikun jaf li l-principju huwa stabbilit mil-ligi u mhux mill-kazistika biss, li wara kollox tista' tvarja.

49. Dwar dan l-artikolu Taljan l-Antolisei jikkummenta hekk:

***'Quando e' che il minore si considerera' gia morlamente corrotto? A noi sembra che debbano evitarsi le due opinioni estreme; quella di chi esige il pervertimento sessuale del soggetto e quella di coloro che ritengono sufficiente una qualsiasi esperienza erotica. Con la prima tesi la sfera di applicazione della norma e' molto estesa; con la seconda diviene ristrettissima. Siccome interessa allo Stato che anche le persone che hanno commesso qualche fallo non siano sospinte sulla via della dissolutezza, a nostro avviso, dovra' considerarsi sessualmente corrotta la persona che, come ben dice***

***il Manzini, e' dedita a pratiche lussuriose o ad abitudini lascive. Un vero e proprio pervertimento, quindi, non e' necessario. Naturalmente, data la varieta' dei casi e la diversita' dei gradi di corruzione che possono presentarsi nella pratica, molto rime affidato al prudente discernimento del giudice.'[4]***

50. . Il-Qorti għandha quddiemha każi fejn (barra l-kaz ta' X) żewġ tfajliet ta' 13-il sena kellhom x'jaqsmu ma' l-imputat b'waħda minnhom tixhed li kienet tiffansja lill-imputat u bl-ohra tghid espressament li dak li sar sar kollu bil-volonta' tagħha. Fl-imputazzjoni (ċ) jissemma wkoll V ta' 14-il sena. Din il-Qorti tinnota li fil-każijiet fejn il-Qorti Maltija abbraċċjat it-teżi li min hu diġa' korrott ma jistax jiġi korrott it-tfajliet kellhom 15 jew 16-il sena. (Dan ma jfissirx li awtomatikament eta' iżghar għandha tkun prioristikament eskluza)

**Y**

51. Fil-każ odjern, fil-każ ta' Y ma nġiebet ebda prova li din kienet korrotta diġa'. Filfatt fil-bidu ħassitha mbarazzata u lanqas riedet tħares. Il-fatt li din it-tfajla kienet tiffansja lill-imputat ma jfissirx li hu ma kkorrompihiex. Anzi huwa ħtieġet aktar kawtela da parti ta' l-imputat li kien jaf li bejn l-eta' tiegħu u dik tat-tfajleit kien hemm baħar jaqsam. Għalhekk i l-Qorti ma tara ebda ġistifkazzjoni li tabbraċċja t-teżi msemmija. Ghaldaqstant, ġaladaraba jeżistu ż-żewġ elementi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' korruzzjoni ta' din it-tfajla wkoll.

**Z**

52. Fil-każ ta' Z hemm ix-xhieda ta' V(il-boyfriend tagħha ta' 15-il sena li kien ikollu x'jaqsam magħha). B'danakollu minħabba l-eta' ta' Z u minkejja li xehdet li dak li sar kien sar bil-volonta' tagħha, din il-Qorti mhix tabbraċċja t-teżi li min hu korrott ma jistax ikun korrott. Il-Qorti hija konxja li qed jinbtu ċerti kulturi f'Malta fejn il-pratika tas-sess hija aktar laxka u fejn il-limiti donnhom ma jinsabu mkien.

[4] Antolise F. Parte Speciale I Manuale di Diritto Penale pagine 469 u 470.

Huwa veru wkoll li llum qed ikun hemm żvilupp sesswali aktar bikri miż-żminijiet ta' qabel.. B'danakollu l-Istat għandu interess li jittutela lill-minorenni u għalhekk ma tarax li ghandha taċċetta din tip ta' difiża meta l-eta' hija daqshekk żgħira u vulnerabbli. **L-eta' fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum hija iżgħar minn dik indikata fil-każi ċitati u hawn si tratta ta' perjodu fil-ħajja fejn sena jew tnejn jafu jagħmlu differenza. Fuq kollox żvilupp sesswali mhux garanzija ta' maturita' intellettwali**. Filfatt il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-każ 'Il-Pulizija versus Mckay' (14 ta' Marzu, 1985) ikkummentat hekk:

***'Fil-każ odjern, il-vittma tar-reat kellha tlettax-il sena; salv każijiet eċċezzjonali, ta' dik l-eta' jkunu kemm ikunu maturi, ma jkunu qatt f'dik il-kategorija li t-tutela tal-liġi fil-konfront tagħhom tkun superfluwa jew sekondarja.'***

53. Jgħid x'jgħid l-imputat, huwa kellu 22 sena u ħataf l-okkażjoni meta sab lil min hu debboli u sfruttah. Lanqas huwa argument biżżejjed għax kif qal l-imputat 'dawn iġennuk'. Id-dmir li tliġġem ruħek jibqa' hemm. Minn dan kollu jsegwi li l-imputazzjoniji dedotta kontra l-imputat fil-konfront ta' Z għandha tissusisti wkoll. B'danakollu l-Qorti ma tirraviża ebda theddid jew qerq.

**V**

54. Fil-konfront ta' V li kellu erbatax-il sena maghluqa, il-Qorti qieset il-provi kollha, il-mod kif dan kellem lill-imputat biex jieqaf u ma jkomplix jagħmel l-att sesswali sħiħ ma' XBorg, u l-mod kif kien igib ruħu ma' Z. Biex ikun hemm atti libidinużi m'hemmx għalfejn li dawn jsiru **fuq** il-minorenni iżda biżżejjed li jsiru **fil-preżenza** tiegħu. Teknikament iż-żewġ elementi msemmija aktar 'il fuq jissusistu wkoll iżda f'dan il-każ il-Qorti qed tabbraċċja t-teorija ta' 'corrupta non corrumpitur'. Il-Qorti qed tieħu l-eta' u l-istil ta' ħajja li kien qed jgħid dan il-ġuvni li għall-anqas wera aktar responsabilita' minn min kien ikbar minnu. Minflok il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' korruzzjoni qed issibu ħati ta' ksur ta' l-artikolu 209 li huwa

kompriż u involut f'dan l-artikolu. **(Ara: Il-Pulizija versus Portelli 20 ta' Frar 1975: Appelli Inferjuri).**

**L-artikolu 207**

55. Dan l-artikolu jipprovdi hekk;

***'Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-subtitolu, jeħel priġunerija minn tliet xhur sa sena.'***

56. Mill-provi irriżulta ksur ta' l-artikoli 198, 201 u 203 (li kollha jiġu f'dan is-subtitolu) u għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi li, fl-assenza ta' xi reat ieħor, dan l-artikolu inghata bhala alternattiva (fil-konfront ta' X) u qed tqisu bhala tali.

**L-artikolu 209**

57. L-artikolu jgħid hekk:

***'Kull min, barra mill-każijiet imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan is-subtitolu jew f'dispożizzjonijiet oħra tal-Liġi, joffendi l-pudur jew il-morali, b'għemil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur u multa'.***

58. Il-Qorti qed tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha dwar l-artikolu 207 salv l-appliakzzjoni ta' dan l-artikolu kif kien spjegat aktar 'il fuq fil-paragrafu 54.

**L-artikolu 249**

59. Dan l-artikolu huwa dwar t-theddid. X xehdet li l-imputat qalilha ' Ara ma nkunx naf li ghidt xi ħaġa għax ħażin'. (fol. 108) Hi fehmet 'Ħażin ikun għalik' fil-fehma tal-Qorti dan il-kliem huwa theddida

60. Skond l-Antolisei[5]

***‘la minaccia consiste nel prospettare ad una persona un amle futuro, il cui avverarsi dipende dalla volonta’ dell’agente. Non basta l’annunciare la possibilita’ che si verifichi un male: bisogna che su tale male l’agente possa influire, e cioe’ che esso possa essere da lui determinato o non impedito.’***

61. Mill-provi l-Qorti mhix soddisfatta li kien hemm it-theddida fl-estremi ta’ l-artikolu 249. Tassew li X kienet qed tibża’ u li ntqal dak il-kliem mill-imputat, iżda l-Qorti qed tirraviża dan it-theddid fil-livell ta’ l-artikolu 339(1)(e) li qed tqis bħala kompriż u involut fl-artikolu 249. Għaldaqstant lill-imputat qed issibu ħati ta’ ksur ta’ l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9.

62. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 198, 86, 87, 203, 207, 209, 249 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati ta’ ksur ta’ l-artikoli 198, 86, 87 (1)(g), 203(1), 203(1)(a), 209 (kompriż u involut kif spjegat) u 339(1)(e) kollha tal-Kap 9 - dan ta’ l-aħħar bħala kompriż u involut taħt l-artikolu 249 - u qed tilliberah minn kull ħtija taħt l-artikoli, 207, (li qed tqis bhala artikolu alternattiv) u 249 dejjem tal-Kap 9.

63. Dwar il-piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat għandu fedina nadifa. Il-Qorti fliet ir-rapport magħmul mill-espert ex-parte izda ssib li dan ma jistax jaġevola lill-imputat minħabba li m’hemm ebda attenwanti aċċettabbli skond il-Liġi. Barra dan, il-Qorti qed tordna li l-kliem li jidher a fol.214 fil-paragrafu li jibda ‘Mela le. Nista’ nikkummenta…tagħhom.’ għandu jkun sfilzat għaliex dan huwa hearsay biss u m’għandux valur probatorju. Dan il-kliem lanqas biss ma jmissu ssemma meta tqis li kien hemm ordni mill-Qorti fl-ghoti tal-liberta’ provvizorja biex ma jkunx hemm kuntatti ma’ xhieda tal-Prosekuzzjoni. Fl-aħħarnett il-mod kif ġieb ruħu l-imputat fil-konfront ta’ X kien goff u li jumilja d-dinjita’ tal-persuna.

[5] Antolisei F. Parte Speciale 1 Manuale di Diritto Penale pagian 126

64. Għaldaqstant il-Qorti wara li rat ukoll l-artikoli 17(b), 17(h), 18 u l-artikoli l-oħra msemmijin fil-paragrafu 62, kollha tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal sitt (6) snin priġunerija li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li fih l-imputat kien taħt arrest preventiv u għall-ħlas ta' Lm200 multa. Qed tinkludi wkoll l-obbligazzjoni hawn annessa.

47. Fl-aħħarnett il-Qorti tħoss li għandha tirrepeti l-kliem li qal l-Imħallef Maurice Caruana Curran f'sentenza li kien ta 31 sena ilu meta l-Imħallef kien qal hekk:

'Il-Qorti tkun qed tonqos mid-doveri tagħha jekk ma tiħux din l-okkażjoni biex sa fejn tista' tagħti parir liż-żgħażagħ ta' kull sess u lill-ġenituri tagħhom biex jevitaw il-kwalita' ta' ġiri sfrenat li irriżulta f'dan il-każ. Dan jista' jwassal għad-drogi b'rovina għall-pajjiż.'

31 sena wara li ngħatat din is-sentenza jidher li jkun ta' siwi li wiehed jirrepeti dan il-kliem u **speċjalment li l-ġenituri jirriflettu fuqu.**

**Divjet:**

**Il-mezzi ta' kommunikazzjoni ma jistgħux isemmu l-ismijiet ta' minorenni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------